MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 15 ta' Lulju 2016**

**L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Nikoloz Janashvili**
**(Passaport numru 11AA79343)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Nikoloz Janashvili** talli fl-14 ta' Lulju 2016 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer meta kellu fil-pussess tieghu dokument maħruġ minn awtorità kompetenti, cioe` karta tal-identita` tal-Polonja innumerat 11AA79343 u maħruġ f'isem Pichola Konrad ittrasferixxa dan id-dokument lil persuna oħra jew irċieva dokument li ġie ittrasferit lilu minn persuna oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta' Malta).

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel użu jew ittanta jagħmel użu minn dokument maħruġ lil persuna oħra, cioe` dak diġa' imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta' Malta).

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-posizzjoni tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati ta' l-istess imputazzjonijiet.

Illi l-fatti tal-kaz huma semplici. L-imputat li huwa ta' nazzjonalita` Gorgjana mar kuncert gewwa l-Polonja u hemmhekk iltaqa' ma terzi li offrewlu li jbieghulu Karta ta' l-Identita` Pollokka versu l-prezz ta' mitejn ewro (€200). Permezz tal-istess Karta ta' l-Identita` huwa wasal Malta u kien fi triqtu lejn l-Ingilterra meta intercettaw l-ufficjali tal-Immigrazzjoni li kien qieghed fil-pussess ta' Karta ta' l-Identita` li ma kinitx tghajjat lilu.

Illi dwar il-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom:  in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-koperazzjoni tiegħu mal-Pulizija u wkoll ghall-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur spjega illi l-imputat se jigi ripatrijat gewwa l-Gorgja minnufih f'kaz li l-Qorti joghgobha tinfliggi piena ta' sentenza sospiza.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 3 u 4 tal-Kapitolu 61, u artikolu 32 (1) (c) tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Nikoloz Janashvili** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' sena (1) priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu

28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għall-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien sentejn (2) mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur